Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 274/2015

Il-Pulizja

Spettur Jurgen Vella

Vs

Marie (Maria Dolores) Brincat

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Marie (Maria Dolores) Brincat detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 149464M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Waqt spezzjoni ta' sporpriza li sehhet fit-2 ta' Frar, 2014 fil-Country Style – Triq San Edwardu, Birzebbugia – xjentement irrilaxxja ricevuta/i fiskali mhux korretta/i u/jew qarrieqa f'xi rigward materjali ghal-bejgh ta' provvista/i skond il-kumpens lilu mhallas u dan billi indika dik il-provvista/i bhala ezenti minflok taxxabbli, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda li tinstab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(f) u 82 tal-istess Att.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 51 u 77(f) u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkundannatha multa ta' seba mitt Ewro (€700).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Marie (Maria Dolores) Brincat, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Gunju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarha mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontriha u li taghhom instabet hatja u kwindi tilliberha minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Marie (Maria Dolores) Brincat huma s-segwenti w cioe':-

Illi qedin fl-isfera tal-Kriminal u l-ligi hija carissima li jrid jigi ippruvat li l-imputata xjentement irrilaxxjat ricevuta fiskali mhux korretta.

Illi johrog carissimu li l-esponenti ma kellha l-ebda idea tal-fatt li l-pastizzi kienu zero rated, u ma hemm l-ebda prova kontrarju u l-anqas gie b'xi mod jew iehor pruvat li setgha kellha xi konoxxenza.

Illi gie ppruvat ukoll dak presispost fl-Artikolu 82(1) tal-Kapitolu 406 li *ma kienx jaf u ma setghax b'diligenza ragonevoli jsir jaf* bl-irregolarita' jekk tezisti fuq iz-zero rated entry tal-kompluter dwar il-pastizzi.

Ikkunsidrat,

Illi min ezami ta'l-atti probatorji ghandu johrog illi dan il-kaz kien qed jimxi kontestwalment ma'zewg kawzi ohra dwar l-istess mertu u cioe' il-hrug ta' ricevuta fiskali mhux koretta mill-appellanti li kienet impjegata bhala manager fin-negozju bl-isem Country style gewwa B'Bugia. Jidher illi fil-jum mertu tal-kaz, ghalkemm ma kienx fid-dmir taghha bhala impjegata f'dan in-negozju illi tkun il-persuna li taghmel il-bejgh fil-hanut, madanakollu billi is-salesgirl kienet indisposta f'dak il-jum u ma attendietx ghax-xoghol, l-appellanti offriet li tohdilha postha. Fost il-bejgh li gie effetwat f'dak il-jum kien hemm il-bejgh tal-pastizzi li jidher li kien qed jigi

introdott fil-lista tal-prodotti ghal bjegh minn dan l-istabbiliment proprju dak in-nhar stess. Kif kienet fid-dmir li taghmel jidher illi l-appellanti harrget ir-ricevuti fiskali ghal dan il-bejgh billi ghafset il-buttuna marbuta mal-istess bejgh fuq il-*cash register*. Hija kienet injara mil-fatt illi dawn gew imdahhla fis-sistema komputerizzata bhala ezenti mit-taxxa meta fil-fatt dan il-prodott kellu ikun wiehed taxxabbli.

Illi minn dawn il-fatti probatorji allura johrog bil-wisq evidenti illi l-appellanti ghandha ragun fl-impunjattiva minnha imressqa. Dan ghaliex hija qed tigi akkuzata illi bi xjenza doluza ma gabritx it-taxxa dovuta ghal bejgh tal-pastizzi li kein qed jigi effetwat minnha u allura irrilaxxjata ricevuta mhux korretta. Illi stranament, ghalkemm l-appellanti giet misjuba hatja tar-reat lilha addebitat mill-Ewwel Qorti, madanakollu minn qari tad-decizjoni impunjata ma tirrizultax xi motivazzjoni unika li wasslet lill-Ewwel Qorti sabiex issib ir-reita'. Dan ghaliex jidher illi inghatat decizjoni unika fil-konfront ta'l-appellanti u tal-ko-akkuzati maghha li madanakollu kienu ghaddejjin proceduri separati. Fil-fatt id-decizjoni issemmi r-responsabbilta penali ta' Francis u Karmenu Barbara, izda mhux ta'l-appellanti. Ghalkemm l-Ewwel Qotri tindika il-mottiv ghaliex sar l-bejgh bhala wiehed ezenti meta tixhet ir-responsabbilta fuq Karmenu Barbara li dehrlu li l-bejgh ma kienx wiehed taxxabbli, imbaghad xortawahda tghaddi biex issib il-htija fl-appellanti.

Illi l-appellanti ma kellhiex ir-responsabbilta tivverifika jekk il-prodott li kien qed jigi offrut ghal bejgh kellux ikun wiehed ezenti jew le. L-appellanti tghid illi ghalkemm kienet impjegata bhala manager mas-socjeta, madanakollu fil-manzjonijiet taghha ma giex ippruvat illi hija kellha dmir taghmel dawn il-verifiki. Fil-fatt hija tghid illi l-pricing ta'l-oggetti ma tidholx fil-manzjonijiet fdati lilha u dak in-nhar hija effetwat dan il-bejgh ghaliex kienet qed tirrimpjazza l-impjegati li kienet ma tiflahx. Lanqas ghalhekk ma tirrizulta n-nuqqas ta' diligenza li trid il-ligi f'dan il-kaz fl-ezercizzju tax-xoghol taghha.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh, is-sentenza appellata qed tigi revokata u ghalhekk il-Qorti qed tghaddi biex tillibera lill-appellanti mill-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur